ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IT-TMIEN SENA L-ISTORJA L-ISKEMA TAL-MARKI

Taħriġ 1

1.1.1	**A**	
1.1.2	B, I	(2)
1.1.3	H	(1)
1.1.4	E, G	(2)
1.1.5	C, D, F	(3)

(Total: 8 marki)

Taħriġ 2

2.1	*Aċċetta tnejn minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida*: sabiex jagħmlu kummerċ ma' nies oħra billi jpartu, ibigħu u jixtru; għall-esplorazzjoni u avventura; sabiex jisirqu affarijiet biex jgħixu; sabiex jieħdu art u jkollhom fejn joqogħdu u jgħixu; minħabba żieda fil-popolazzjoni u allura bdew ifittxu aktar riżorsi.	(2,2)
2.2	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* kienu jħossuhom imbeżżgħa, taħt theddida li jiġu attakkati, kienu jinqatlu jew jinqabdu bħala skjavi.	(2)
2.3	a. Il-Vikingi kienu pagani, jaduraw allat bħal Thor, Odin u Freya. b. Il-Vikingi kienu jiktbu billi jużaw l-ittri Runes. c. Il-Vikingi kellhom dgħajjes tal-injam bħall-Knarr u l-Longboat.	(2,2,2)
2.4	In-Normandija	(1)
2.5	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* Il-Vikingi li bdew jgħixu fin-Normandija saru Normanni; In-Normanni ma baqgħux pagani bħall-Vikingi iżda saru Nsara; In-Normanni kienu jitkellmu bil-Franċiż minflok bil-lingwa antika tan-Norsi.	(2)
2.6	*Aċċetta tlieta minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida*: l-Ingilterra, l-Italja t'Isfel; Sqallija; Malta; parti mill-Afrika ta' Fuq jew parti mit-Tuneżija; Antiokja	(1,1,1)

(Total: 18-il marka)

Taħriġ 3

3.1	4, 5, **1**, 3, 2	(4)
3.2	Geoffrey Malaterra	(1)
3.3	'talbu permess biex jidhru quddiem il-Konti sabiex jiftehmu dwar il-paċi'	(3)
3.4	Il-Maltin ma kienx baqgħalhom armi biex jiġġieldu jew iqumu kontra n-Normanni.	(3)

3.5	Le. *Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet:* għax sar ftehim li l-mexxejja Għarab jidbew iħallsu l-ħaraġ kull sena; huma ħalfu lealtà lejn il-Konti; għax għamlu alleanza miegħu.	(1,2)

(Total: 14-il marka)

Taħriġ 4

4 (5)



(Total: 5 marki)

Taħriġ 5

5.1	twelid mill-ġdid	(1)
5.2	14 u 16	(1)
5.3	iż-Żmien Klassiku	(1)
5.4	il-ġid u l-kummerċ	(1)
5.5	universitajiet	(1)

(Total: 5 marki)

Taħriġ 6

6.1	B. skultura C. inġinerija D. anatomija E. pittura F. arkitettura	(2) (2) (2) (2) (2)
6.2	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* il-Mona Lisa; l-Aħħar Ċena.	(2)
6.3	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* pittura Medjevali kienet tkun bidimensjonali waqt li fil-pittura Rinaxximentali bdiet tintuża l-perspettiva; fil-pittura Medjevali l-figuri tan-nies kienu jkunu sempliċi filwaqt li fil-pittura Rinaxximentali l-figuri bdew isiru b'mod aktar reali.	(3)
6.4	Dante Alighieri beda jikteb bit-Taljan jew lingwa franka minflok juża l-Latin.	(2)
6.5	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* bdew jiġu ppubblikati aktar kotba u fuljetti; bdew jixxerrdu aktar l-ideat u l-aħbarijiet; kien hemm żieda fil-litteriżmu.	(3)

(Total: 20 marka)

Taħriġ 7

7.1	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* tidher li d-dinja ċatta; hemm xwieni li ser jaqgħu 'l isfel max-xefaq; hemm kreatura li ser taħtaf ix-xini malli jaqa'.	(2)

7.2	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* sabiex jidħlu f'kompetizzjoni ma' bliet Taljani li kellhom kontroll tar-rotot ta' kummerċ fil-Mediterran; sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kummerċ dirett ma' portijiet tal-Lvant; sabiex isibu rotta iqsar lejn il-portijiet tal-Lvant; sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kummerċ ta' ħwawar u prodotti oħra mil-Lvant.	(3)
7.3	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet:* l-invenzjoni tal-karavella li għamlet it-tbaħħir fl-oċeani aktar possibbli peress li kienet tiflaħ għall-baħar aktar qawwi; l-invenzjoni tal-kumpass tan-navigazzjoni li għamlet it-tbaħħir 'il bogħod mill-art aktar faċli.	(3)
7.4	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* prodotti ġodda bdew jinbiegħu fis-swieq Ewropej; traffikar ta' skjavi mill-artijiet ġodda; bdew isiru mapep u karti ta' tbaħħir ġodda aktar dettaljati; skoprew artijiet ġodda li ma kinux jafu bihom; Spanja u l-Portugall kabbru l-imperi tagħhom barra l-Ewropa; żdied it-tixrid tar-reliġjon Kattolika.	(2)

(Total: 10 marki)

Taħriġ 8

8.1	Saladin kien re u mexxej militari Musulman kontra l-kruċjati fl-Art Imqaddsa.	(2)
8.2	*Aċċetta tnejn minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida*: permezz ta' sparar kontinwu u effettiv ta' vleġeġ u ġebel b'inġenji tal-gwerra iżda mhux bil-kanuni; permezz ta' tħaffir ta' mini sabiex iwaqqgħu s-swar ta' Ġerusalemm.	(2,2)
8.3	*Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew xi tweġiba oħra valida:* għax l-Insara qatgħu qalbhom li jirbħu l-assedju; għax l-Insara ma xtaqux li jinqatlu jew jinqabdu u jinbiegħu bħala skjavi; sabiex jieqaf l-assedju mingħajr aktar tixrid ta' demm.	(2)
8.4	Sors F inkiteb minn storiku li kien jgħix fi żmien l-assedju ta' Ġerusalemm tal-1187.	(2)

(Total: 10 marki)

Taħriġ 9

	L-istudenti għandhom juru li jafu tagħrif u kunċetti storiċi. Jeħtieġ li jkunu jafu jinterpretaw dak li huwa mitlub minnhom fit-tema u juru li jafu jesprimu lilhom infushom b'mod oġġettiv fl-istorja. L-istudenti għandhom ikunu jafu jħaddnu l-ħiliet fl-istruttura tal-kitba u fl-analiżi ta' fatti u opinjonijiet storiċi. L-użu korrett tal-lingwa huwa mistenni, iżda żbalji fl-ortografija m'għandhomx ikunu ppenalizzati.	
9.1	*Punti li jistgħu jissemmew fil-kitba jistgħu jinkludu:* raġunijiet bħat-theddida ta' attakki mit-Torok fl-Art Imqaddsa, fl-artijiet tal-Imperu Biżantin u fuq il-pellegrini Nsara; id-diskors tal-Papa Urbanu II fl-1095 li ta bidu għall-Ewwel Kruċjata; referenza għal xi mexxejja tal-Kruċjati u n-nies li kienu jieħdu sehem fihom; referenza għal xi kruċjata partikolari; ir-riżultat u xi effetti tal-Kruċjati.	(10)

(Total: 10 marki)